14 ta' Settembru 2009

Ref. 5/194/04

**Laqgha Nru. 31**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2009, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier borg Myatt u l-Kunsillier Dalli kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 30**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

**1) Korrispondenza**

**1.1 – Ittra mill-Street Naming Comittee** fejn fiha qalulna li mill-ismijiet tat-Toroq li baghtna biex jinbidlu accettaw wahda biss dik Sqaq Athlone fi Triq Athlone . Il-membri tal-Kunsill approvaw li tinbidel minnufih.

**1.2 – Ittra mill-Kappillan** Is-Sindku ipprezenta ittra mill-Kappillan. Is-Segretarju qal li kull Korrispondenza indirizzata lilu ghandha tigi l-ufficcju tal-Kunsill u mhux mghotijja lis-Sindku *by hand* .Ghalhekk din l-ittra ser jghadija ma korripondenza ta' Laqgha ohra. Il-Membri tal-Kunsill qablu li nibghatu ittra biex jibghatilna draft tieghu tal-klieb qabel ma nikkometu ruhna.

**1.3 – Ittra minn Renell Ltd** fuq stima ghal bankina ta' Paola Hill biex titranga halli il-kunsill jiehu l-flus li hemm mizmuma mil-Mepa halli nkunu nistghu nhallsu dan il-Kuntrattur li ilu jistenna sentejn. Is-Sindku qal li ser jiehu hsieb huwa stess minhabba li qed jara din l-istima gholja, halli din il-kwistjoni tinghalaq kemm malajr kemm jista jkun.

**1.4 – Mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq il-ftuh tal-Kunsill is-Sibt.** Is-Segretarju qal li war li tkellem mal-haddiema hadt ma wera ix-xewqa li jahdem is-Sibtijiet, ghalhekk qal li l-ahjar haga hi li napplikaw ghal skrivan gdid li tidhol is-sibt ukoll. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**2) Rapport ta' Hidma**

Is-Sindku qara ir-rapport ta' Hidma 2008-2009 li kien ser jipprezenta ghal-laqgha Annwali tal-Lokalita fejn fih spejga ix-xoghol kollu li l-Kunsill ghamel f'din is-sena. Il-Membri tal-Kunsill approvaw dan ir-rapport unanimament.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.00pm.

Approvati Illum ___________

| ___________ | ________________ |
|---|---|
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |